MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Rikors Numru. 428/2012

AB

**Vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti AB, li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

Illi huwa zzewgu lill-intimata fit-23 ta’ Gunju 1996 (Certifikat taz-zwieg anness Dok. A).

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali taghhom permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppublikat in atti Nutar Ian Spiteri fl-14 ta’ Gunju 2006 (kopja annessa Dok. B).

Illi l-partijiet kellhom tifel wiehed li jismu K u li ghadu minorenni. Ir-rikorrent ghandu l-kura u kustodja tal-iben minuri u wahdu jiehu hsieb ghall-bzonnijiet kollha tieghu skont kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni personali.

Illi ghaddew ferm aktar minn erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali u mid-data li fiha l-partijiet ilhom jghixu separatament minn xulxin, u ma hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk jinkkonkorru l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ghall-hall taz-zwieg u ghad-divorzjoni tal-partijiet.

Talab  li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg tieghu mal-intimata Annabelle Bonello bhala mahlul, u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi, u sabiex tordna ghaldaqstant lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku skont il-ligi, u dan kollu taht kull provvediment xieraq u opportun li joghgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

Rat id-digriet taghha tal-10 ta' Settembru, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lill-intimata tixhed;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi biex zwieg jigi mahlul peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati permezz ta' kuntatt ippublikat fl-14 ta' Gunju 2006;

Illi ir-rikorrenti ipprova wkoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma

hemm l-ebda manteniment dovut minnu lill-intimata jew vice versa;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------